MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2012

Numru. 28/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR ANNEMARIE MICALLEF**

**VS**

**SUSAN BUSUTTIL**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Susan Busuttil detentrici tal-karta tal-identita` numru 123762M.

**Akkuzata talli:**

F’dawn il-Gzejjer, fl-14 ta` Mejju 2008 ghall-habta tad-disgha u ghoxrin ta` filghodu, fi Triq ix-Xatt, Tas-Sliema, saqet vettura bin-numru tar-registrazzjoni SUE156:

1. B’manjiera traskurata;

2. Perikoluza;

3. U bla kont;

4. Kif ukoll waqt li kienet qed issuq l-imsemmija vettura riesaq lejn pedestrian crossing naqset li tnaqqas l-ispeed u tieqaf waqt li kienet qed tigi uzata mill-pubbliku;

5. U aktar b’nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta` tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkagunat offizi ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Francesco Giuseppe Borg skond kif iccertifikat Dr. Fabrizia Azzopardi M.D. ta` M.D.H.

Il-Prosekuzzjoni talbet li tigi skwalifikat/a mill-licenzja kollha tal-imputata tas-sewqan.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli ndikati; u cioe` 15 (1) (a) (2) tal-Kapitolu 65 u l-Artikolu 226 u 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi din l-akkuza tinvolvi kaz ta` karozza misjuqa mill-imputata illi waqt li kienet qed tirriversja fix-Xatt Ta` Tas-Sliema, laqtet lil Francesco Giuseppe Borg li, dak il-hin,

kien qed jaqsam it-triq minn fuq z-zebra-crossing f'din l-istess triq, bir-rizultat li rifsitlu siequ u tefghetu mal-art. Dan sofra griehi ta` natura gravi skond kif iccertifikat Dr Fabrizia Azzopardi. Jirrizulta ukoll illi anke sal-llum, Borg, li huwa pensjonant anzjan, ghadu jsoffri mill-minkeb il-leminja tieghu minhabba funzjoni limitata konsegwenza ta` dan l-incident. Hu kien gie operat fuq dan il-minkeb.

Wara li hadet in konsiderazzjoni l-provi prodotti u specjalment ix-xhieda tal-akkuzata u dik ta` Francesco Giuseppe Borg u wara li qrat it-trattazzjoni taz-zewg partijiet issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrieha. Osservazzjoni wahda illi taghmel din il-Qorti hija li l-vettura tal-akkuzata kienet wieqfa biss appena hija osservat il-post vakanti sabiex tipparkja, issorvolatu, waqfet il-vettura oltre` z-zebra crossing u bdiet tirriversja sabiex tipparkja waqt li Borg kien qed jaqsam minn fuq iz-zebra crossing. Wisq probabbli li gara huwa illi, bl-ghagla sabiex ma titliefx il-parking li, anke skond l-imputata, huwa fatt rari ferm fix-Xatt ta` Tas-Sliema, hija rriversjat minn fuq iz-zebra crossing b'daqsxejn ta` ghagla u dissattenzjoni u dan biex ma titlifx il-parking space lil xi karozza li kienet gejja min-naha tal-Belt.

Ghalhekk, din il-Qorti qieghda ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontriha, qieghda tillibera bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien tmintax (18) ix-xahar mill-llum a tenur tal-Artikolu 22 (4) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------